MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1372/1991/1

**Emmanuele, Carmelo u Maria ahwa Caruana, u b'digriet tat-2 ta' Settembru 1992 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Emmanuele u Carmelo ahwa Caruana biex ikomplu l-kawza minflok Maria Carmela sive Maria Caruana li mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Vincent Aquilina; u b'digriet tat-12 ta' Mejju 1995 giet kjamata in kawza Marianna Spiteri; u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 1995 giet kjamata in kawza Lorenza Spiteri; u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2001 stante l-mewt ta' Vincent Aquilina l-gudizzju gie trasfuz f'isem Victoria Aquilina, George Aquilina, Christopher Aquilina, Marthese Muscat u Lilianne Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Dicembru 1991 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

1. Illi l-awtur taghhom u cioe` huhom Giuseppi Caruana li miet fil-21 ta’ Mejju 1990 - dokument “A” - kien kreditur tal-konvenut l-ammont ta’ cirka tmint elef lira Maltija (Lm8,000) u fid-data tal-mewt tieghu kien ghad baqaghlu jiehu minghandu s-somma bilancjali ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000) u dana kif jirrizulta wkoll mill-anness dokument “B”;
2. Illi, ghalkemm il-konvenut qatt ma cahad illi huwa ghadu debitur lejhom kif imsemmi;
3. Illi, minkejja l-fatt illi gie interpellat kemm il-darba sabiex ihallashom ghadu ma hallasx l-imsemmi ammont ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000);

Talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas lill-atturi tas-somma msemmija ta' tliet liri Maltin (Lm3,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-31 ta' Awissu u l-10 ta' Settembru 1990 u tal-31 ta' Lulju 1991, u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi preliminarjament l-eccipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li m’ghandux u qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-atturi jew l-awtur taghhom u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent mhuwiex u qatt ma kien debitur tal-atturi jew l-awturi taghhom u ghaldaqstant m’ghandu jaghtihom xejn;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza fejn qalu:

(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156(F) tal-Kodici Civili;

(2) Illi fil-meritu u bla pregudizzju tal-premess huma m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi u m'humiex debituri taghhom;
(3) Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li Giuseppi Caruana, awtur ta' l-atturi u li taghhom kien jigi huhom, kien dahal f'negozju mal-konvenut Vincent Aquilina u certu Carmelo Spiteri ghax-xiri ta' proprjeta` immobiljari minghand Angelo u Carmelo, ahwa Zahra. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-kopji ta' konvenji Dok. CC1 u Dok. CC2 a fol. 34 sa 36 tal-process. Jidher li bejgh minnhom ma sehhx u ghalhekk il-vendituri prospettivi kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri fil-konfront ta' Vincent Aquilina u Carmelo Spiteri fis-somma ta' Lm34,333 permezz ta' kuntratt tal-21 ta' Frar 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima (Dok. A a fol. 54 *et seq.*). Skond il-konvenut fl-ewwel affidavit tieghu, Giuseppi Caruana ma deherx fuq insistenza tieghu stess ghaliex ma riedx li jidher ismu peress li dak iz-zmien kien qed jirregistra ghax-xoghol. L-istess Vincent Aquilina jghid li sa fejn jiftakar hu kien hareg Lm13,000, Caruana kien hareg Lm8,000 u Spiteri l-kumplament. L-attur Carmelo Caruana ukoll xehed li huh Giuseppi kien hareg Lm8,000. Din il-kawza qed issir ghas-somma bilancjali ta' Lm3,000 li l-atturi jsostnu kienet ghadha dovuta lil huhom Giuseppi Caruana.

Carmelo Caruana jghid li f'inkontru li hu u l-attur l-iehor Emmanuel Caruana kellhom ma' Carmelo Spiteri, dan Spiteri qallhom li Giuseppi Caruana kellu jiehu Lm3,000 minghand Vincent Aquilina. L-istess attur jghid li huma kienu ghalhekk marru ghand il-konvenut flimkien ma' certu Michael Aquilina u rrinfaccjah b'dak li kien qal Carmelo Spiteri. Skond l-istess xhud, il-konvenut ma cahadx li s-somma ta' Lm3,000 kienet ghadha dovuta lilhom bhala

eredi ta' Giuseppi Caruana u qallhom li kellu xi flus qeghdin barra u li jrid igibhom Malta u talabhom jissaportuh ftit biex ihallas bin-nifs. Ikompli jixhed li, flimkien ma' Michael Aquilina, marru xi erba' darbiet ohra biex ihallas u dejjem jghidilhom li ser ihallas.

Michael Aquilina kien izomm il-kotba ta' Carmelo Spiteri. Xehed li Spiteri kien jghidlu li hu u Giuseppi Caruana kellhom xi negozju ma' Vincent Aquilina u minn zmien ghal zmien kien jghidlu inizzel li huwa dahhal certa somma u li Giuseppi Caruana dahhal certa somma ohra. Qal li ghandu idea li l-bilanc li kien baqa' dovut lil Giuseppi Caruana kien fis-somma ta' Lm3,000. In-notamenti relattivi huwa kkonsenjahom lil oht Carmelo Spiteri meta dan miet. Zied jghid li meta miet Giuseppi Caruana, kien ha lill-attur Carmelo Caruana ghand il-konvenut li, fil-prezenza tieghu, ammetta li ghandu jaghti lill-eredi ta' Giuseppi Caruana u li sejjer jiehu hsiebhom wara li jdahhal xi flus li kien qieghed jistenna li jdahhal.

Issa, bhalma diga` gie ndikat, Vincent Aquilina fl-ewwel affidavit tieghu qal li sa fejn jaf hu huwa kien hareg Lm13,000. Mill-kuntratt tal-15 ta' Lulju 1983 (Dok. B a fol. 60 *et seq.*) jirrizulta li l-ammont li huwa kien hareg dwar in-negozju in kwistjoni kien ta' Lm10,000 - dan jirrizulta car fit-tieni pagna ta' l-imsemmi kuntratt. Mill-kuntratt tat-13 ta' Frar 1985 (Dok. C a fol. 62 *et seq.*) imbaghad jirrizulta li l-ammont li kien originarjament dovut mill-ahwa Zahra kien ta' Lm35,333 u mhux ta' Lm34,333. Ghalhekk jirrizulta li Vincent Aquilina kien hareg Lm10,000, Giuseppi Caruana kien hareg Lm8,000 u Carmelo Spiteri kien hareg il-kumplament, cioe` Lm17,333. Sabiex tissimplifika l-affarijiet din il-Qorti ser tikkunsidra s-sehem ta' kull wiehed minnhom fir-*ratio* ta' 10:8:17. Skond l-imsemmi kuntratt tat-13 ta' Frar 1985, is-somma bilancjali li kienet dovuta kienet ta' Lm13,013. Mahduma skond l-imsemmi *ratio* jfisser li t-tliet partijiet involuti kellhom jiehdu Lm3,718 (Vincent Aquilina), Lm2,975 (Giuseppi Caruana) u Lm6,320 (Carmelo Spiteri). Fl-ewel affidavit tieghu Vincent Aquilina elenka diversi pagamenti li huwa ghamel lil Carmelo Spiteri. L-ewwel zewg pagamenti mhumiex sejrin jigu kkunsidrati minn din il-Qorti peress illi saru

qabel il-kuntratt tat-13 ta' Frar 1985. It-total tal-pagamenti l-ohra huwa ta' Lm6,310. Jigifieri Carmelo Spiteri gie li prattikament thallas l-ammont kollu dovut lilu. Galadarba Carmelo Spiteri kien insista ma' l-atturi li Vincent Aquilina kellu jhallas Lm3,000 lil Giuseppi Caruana, ifisser li huwa ma kienx ta sehem mill-inkassi li saru wara t-13 ta' Frar 1985 lil Caruana. U, stante li, skond ir-*ratio* fuq indikat Giuseppi Caruana kellu jiehu Lm2,975, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li t-talba attrici timmerita li tigi milqugha fil-konfront ta' Vincent Aquilina, ossia fil-konfront ta' l-ered tieghu.

Ghalhekk ukoll m'hemmx lok li tigi kkunsidrata l-eccezzjoni preliminari tal-kjamati in kawza dwar il-preskrizzjoni filwaqt li ghandha tigi milqugha t-tieni eccezzjoni taghhom li m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati in kawza izda tilqa' t-tieni eccezzjoni taghhom u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti u tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm3,000 bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------